**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 386/2013**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Glen Debattista**

Illum, 30 ta' Marzu, 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, Glen Debattista, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 565359M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli :

1. F'dawn il-Gżejjer, f'Awissu, 2003 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, b'mezżi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiċi foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġieghel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddiehor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta' seba' mija u ħamsin elf u disa' mija u sitta u sittin Ewro u disgħa u sittin ċentezmu (€750,966.69 ekwivalenti għal Lm322,390) għad-dannu ta' Michael Debono Limited.
2. Kif ukoll talli f'dawn il-Gżejjer, f'Mejju, 2003 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiskru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, b'mezżi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiċi foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddiehor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel

qliegħ ta' mija u tnejn u għoxrin elf u ħames mija u ħamsa u għoxrin Ewro u erba' ċenteżmi (€122,525.04 ekwivalenti għal Lm52,600) għad-dannu ta' Rohan Motors Limited.

3. U aktar talli f'dawn il-Gżejjer, f'April, 2005 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet u fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom fihom jew jew kellhom jippruvaw.
4. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, xjentement għamel użu minn att awtentiku u pubbliku, jew skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, falza.
5. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, għamel falsifikazzjoni fi skrittura privata, liema skrittura privata setgħat tagħmel ħsara lil persuna jew iġġib utli.
6. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, xjentement għamel użu minn skrittura privata falza, liema skrittura privata setgħat tagħmel ħsara lil xi persuna jew iġġib utli.
7. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokument iehor falsifikat.
8. Kif ukoll fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddiehor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' tagħrif falz.
9. U aktar talli b'hekk kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 9 tal-Kap. 152, illum l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, meta kkommetta reat ieħor wara li ngħata sentenza fejn ġie illiberat taħt kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor fi zmien tlett snin, liema sentenza ġiet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fit-28 ta' Lulju, 2000.

Il-Qorti ġiet mitluba ukoll sabiex tapplika *mutantis mutandis* id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-*Money Laundering*, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u sabiex f'każ ta' ħtija, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 23B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

*In oltre*, il-Qorti, ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Settembru 2013, fejn il-Qorti, fil-waqt li ma sabitx lill-imputat ħati tat-tmien u tad-disgħa imputazzjonijiet u illiberatu minnhom, wara li rat l-Artikoli 183, 184, 187(1)(2), 189, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet l-oħra kollha miġjuba kontra tiegħu u tagħhom ikkundanatu ħames (5) snin priġunerija. *In oltre* u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ikkundannat lill-imputat sabiex iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' €3468.08 rappreżentanti spejjeż konnessi mal-ħatra ta' esperti.

Rat ir-rikors tal-appellant Glen Debattista, ippreżentat fit-23 ta' Settembru 2013, fejn talab lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Settembru 2013 u dan billi:

1. Filwaqt li tikkonfermaha fejn sabitu ħati ta' l-artikoli 183, 184, 187(1)(2) u 189, u 308 tapplika l-artiklu 17(h) għall-artikoli 183, 184, 187(1)(2) u 189 u b'hekk iżżid l-assorbiment u konsegwentement tirriduċi l-piena, u
2. Tilliberah mill-imputazzjoni l-oħra miġjuba kontra tiegħu u ċioe l-artikoli 309 u 310(1)(a), u fin-nuqqas tapplika piena aktar mita u idonea fiċ-ċirkostanzi.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata 13 ta' Jannar 2014.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant jivventila zewġ aggravji fir-rikors ta'l-appell, senjatament:

i) In-nuqqas ta'l-Ewwel Qorti milli tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali meta ġiet biex tikkalibra il-piena; u
ii) Il-preskrizzjoni ta'l-azzjoni kriminali fir-rigward tal-akkużi marbuta mar-reat tal-frodi lilu addebitati.

**Ikkunsidrat:**

Illi qabel ma tinoltra ruħha fl-eżami ta'l-ewwel aggravju, ikun għaqli illi l-Qorti tikkunsidra it-tieni aggravju li jolqot il-preskrizzjoni ta'l-azzjoni kriminali fir-rigward tar-reat tal-frodi li dwaru l-appellant jinsab mixli. L-appellant jilmenta illi l-Artikolu 310(1)(a) huwa sempliċiment aggravanti għar-reat kontemplat fl-Artikoli 308 u 309 tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk it-terminu ta' preskrizzjoni għar-reat ikkontemplat fl-artikolu 309 huwa dak ta' sentejn[1] mid-data tal-kommissjoni tar-reat, billi l-piena ma teċċediex is-sena priġunerija, biex b'hekk l-imputazzjonijiet li jikkontemplaw dan ir-reat huma preskritti.

Illi l-appellant iqanqal l-improponibbilita' tal-azzjoni penali minħabba id-dekors taż-żmien biss issa fi stadju ta' revizjoni u minn eżami ta'l-atti proċesswali ma jidhirx illi huwa qanqal din l-eċċezzjoni quddiem l-Ewwel Qorti. Magħdud dan, madanakollu huwa fil-jedd tal-persuna imputata b'reat illi tqanqal l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni fi kwlaunkwe stadju tal-proċeduri, liema eċċezzjoni tista' saħansitra tiġi sollevata mill-Qorti *ex officio*.

Illi l-appellant jinsab mixli bir-reat tal-frodi fl-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tiegħu, fil-forma kontinwata tiegħu bl-aħħar vjolazzjoni tal-liġi isseħħ f' Mejju u f' Awwissu tas-sena 2003. Dan ifisser illi l-perijodu tal-preskirizzjoni neċessarjament irid jibda jiddekorri mill-jum li fih iseħħ l-aħħar ksur tal-liġi. Issa r-reat tal-frodi fil-liġi penali jitnissel mill-Artikoli 308 u 309 tal-Kodiċi Kriminali, bl-Artikolu 310 tal-Kodiċi Kriminali jistabbilixxi l-kejl tal-piena applikabbli skond l-valur tal-qligħ b'qerq li jkun sar mill-awtur tar-reat. Huwa l-valur tal-qligħ li l-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni meta tiġi biex tqis il-piena u mhux id-dispożizzjoni ġenerali li minnu jitnissel ir-reat. Il-preskrizzjoni tiżdied skont is-serjetà tar-reat u l-liġi tirrikonoxxi li reat għandu ħafna varjazzjonijiet ta' gravità skont iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u dawn il-varjazzjonijiet iwasslu dejjem għal żieda fil-piena. Issa l-artikolu 689 jgħid espressament liema huma dawk ċ-ċirkostanzi li wieħed m'għandux

[1] Artikolu 688(e) Kodiċi Kriminali

jiehu in konsiderazzjoni sabiex jistabbilixxi ż-żmien tal-preskrizzjoni u ċioe' (a) skużi jew ċirkostanzi attenwanti, u (b) żieda fil-piena minħabba r-reċidiva. Dan ifisser illi l-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-piena tar-reat illi l-akkużat ikun effettivament ikkommetta u, *ergo,* għall-fini tal-preskrizzjoni t-terminu jrid jiġi ikkalkulat fuq din il-piena u fuq l-ebda piena oħra aktar jew anqas.

Illi fil-proċeduri *de quo*, l-appellant kif ingħad ġie mixli u misjub ħati ta' zewġ imputazzjonijiet ta' frodi, li fit-tnejn li huma il-qligħ magħmul minnu kien jeċċedi l-valur ta' €2,329.37. Illi l-Ewwel Qorti, imbaghad, fis-sentenza appellata indikat li kienet qed tinstab ħtija fit-termini ta'l-artikoli 308 u 309 tal-Kodiċi Kriminali, bil-piena għar-reat taħt l-artikolu 308, fiż-żmien ta'l-kummissjoni tar-reat tkun dik tal-priġunerija minn seba' xhur sa sentejn. Illi imbagħad il-piena kkontemplata fl-Artikolu 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali titla' għall-priġunerija ta' bejn tlettax il-xahar u seba' snin[2]. Isegwi li l-perijodu ta' preskrizzjoni applikabbli f'dan il-każ huwa dak ta' għaxar snin, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 688(c) tal-Kodiċi Kriminali. Wara eżami akkurat tal-Atti Proċesswali, il-Qorti tinnota li r-reati ta' frodi addebitati lill-appellant jirrisalu għas-sena 2003 u għax-xhur u s-snin ta' qabel, filwaqt li l-proċeduri *de quo* nbdew kontrih fis-sena 2009, u għalhekk *entro* t-terminu stabbilit fil-Liġi.

Għal dawn il-motivi, l-Qorti tqis li t-tieni aggravju imressaq mill-appellant ma jistħoqqlux akkoljiment u qiegħed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, sorvolata l-kwistjoni tal-preskrizzjoni, jifdal biex jiġi trattat l-aggravju rimanenti tal-appellant u ċioe' li l-Ewwel Qorti naqset milli tapplika d-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali meta ġiet għall-ikkalibrar tal-piena.

Illi qabel xejn kif ġie stabbilit b'mod kopjuz fil-ġurisprudenza, qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li

[2] Pieni applikabbli fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reat bl-emendi li dahhlu fis-seħħ permezz ta'l-Att III tal-2002

l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva[3].

Illi, l-appellant ġie misjub ħati ta' żewġ imputazzjonijiet ta' frodi u ta' ħames imputazzjonijiet relatati mal-falsifikazzjoni ta' diversi dokumenti u l-użu xjenti tagħhom. Minn ezami akkurat tal-Atti Proċesswali jirriżulta illi l-falsifikazzjoni ta' dawn l-istess dokumenti li għamel l-appellant kienu mezz *ai fini* sabiex fl-aħħar mill-aħħar issir il-*messa in scena* li waslet sabiex Michael Debono Limited u Rohan Motors Limited jiġi defrodati l-ammonti ta' €922,334 u €153,542 rispettivament, (għalkemm fl-imputazzjonijiet hemm ammonti ftit inqas indikati). Għalhekk l-appellant għandu jibbenefika mill-applikazzjoni ta' dak dispost fl-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali, liema dispożizzjoni tal-liġi ma ġietx indikata fil-parti diżposittiva tas-sentenza appellata.

Illi, l-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi li:

> **"meta zewg reati jew izjed , li flimkien ma jaghmlux delitt ikkwalifikat, iservu bhala mezz biex isir reat iehor, sew ikkwalifikat jew semplici, ghandha tinghata il-piena ghar-reat l-aktar gravi."**

Fil-kliem tal-Professur Sir Anthony Mamo (Notes on Criminal Law - Part I , p. 167 (1963 edit.) –

> ***"..where the two or more offences do not constitute together an aggravated crime (e.g. bodily harm for the purpose of theft - theft aggravated by violence ) and are linked to one another by the nexus of means to an end , then although each of the several offences , retains its specific identity, only the punishment provided for the greater offence can be awarded. This is the application of the method of "assorbimento".***[4]

Issa, jibda' biex jingħad illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti taqa' sewwa sew fil-parametri tal-liġi, kemm jekk fl-ikkalibrar tal-piena ġie minnHa applikat dak li jipprovdi l- Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali, u kemm jekk dan ma sarx, u dan għas-segwenti motivazzjonijiet. Illi l-Qorti tażżarda tgħid illi meta ġiet biex tikkalibra l-piena l-Ewwel Qorti neċessarjament applikat id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali, għaliex altrimenti l-piena kienet tkun waħda aktar oneruża.

---

[3] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.
[4] Il-Pulizija vs. Vincent Calleja, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fis-7 ta' Marzu 2002.

L-appellant ġie misjub ħati ta' zewġ imputazzjonijiet relatati ma' frodi li jeċċedu l-ammont ta' €2,329.37 u ħames imputazzjonijiet relatati ma' falsifikazzjoni ta' dokumenti u l-użu xjenti ta' l-istess. Billi r-reati tal-falsifikazzjoni u tal-użu xjenti ta' l-istess f'dan il-każ servew bħala mezz ai fini sabiex ġie kommess r-reat tal-frodi għad-detriment ta' Michael Debono Limited u Rohan Motors Limited, kellu jsib applikazzjoni l-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali, bil-Qorti tagħti l-piena għar-reat tal-frodi biss, li f'dan il-kaz iġorr il-piena ta' priġunerija ta' bejn tlettax-il xahar u seba' snin[5]. Stante li kien hemm żewġ imputazzjonijiet ta' frodi, kellu jsib applikazzjoni ukoll l-Artikolu 17(b) tal-Kodiċi Kriminali, li jistipola li "***persuna ħatja ta' żewġ delitti jew iżjed, li jaqgħu taħt pieni li jnaqqsu għal żmien il-libertà persunali, tiġi kkundannata għall-piena tad-delitt l-aktar gravi biż-żieda minn terz san-nofs taż-żmien tal-pieni l-oħra kollha meħudin flimkien***". Isegwi għalhekk illi l-parametri tal-piena li setgħet tiġi mposta, bl-applikazzjoni kemm tal-Artikolu 17(b) tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll ta' l-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali, kienet dik ta' priġunerija ta' bejn għoxrin xahar  u għaxar snin u nofs jekk issir iż-żieda bin-nofs, u sbatax-il xahar sa disa' snin jekk iż-żieda għat-tieni reat isir b'terz. Għalhekk huwa ċar li ddur fejn ddur, l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant – u ċioe' dik ta' ħames snin priġunerija – tinkwadra ruħha perfettament fil-parametri tal-Liġi, għalkemm ma tqarribx lejn il-minimu.

Illi dan magħdud, jirriżulta illi l-appellant fil-mori ta' dan l-appell beda jħallas id-danni minnu kkaġjonati lil vittmi tar-reat, għalkemm skont ix-xiehda mogħtija minn Nathalie Gatt ghan-nom ta' Michael Debono Limited u Rohan Motors Limited tat-30 ta' Ottubru 2020 għad fadal bilanċ konsiderevoli li għadu dovut, u dan 'il fuq minn għaxar snin wara li nbdew il-proċeduri fil-konfront tiegħu. Illi dan il-fatt waħdu fil-fehma tal-Qorti ma jistax jintitola lill-appellant għal xi mitigazzjoni fil-piena tenut kont tal-gravita' tar-reat fejn l-ammont defrodat ilaħħaq valur konsiderevoli. Kif lanqas il-Qorti ma tista' tieħu in konsierazzjoni it-trapass twil taż-żmien minn meta seħħew ir-reati billi għal ħafna mid-dewmien kien jaħti l-appellant meta talab differimenti għal diversi drabi, għalkemm regolarment huwa kien jattendi l-Qorti. *Di*

[5] Piena applikabbli fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reat bl-emendi li dahhlu fis-seħħ permezz ta'l-Att III tal-2002

*piu,* kif tajjeb issenjalat l-Ewwel Qorti, il-fedina penali voluminuża tiegħu tindika karattru refrattarju li jwasslu lil Qorti tikklassifika lill-appellant bħala frodist reċidiv plurimu. Allura ġaldarba l-piena erogata hija waħda li taqa' fil-parametri tal-liġi u mhijiex eċċessiva, il-Qorti ma tista' tara li hemm ebda motiv li jista' igiegħlha titbiegħed mill-fehma milħuqa mill-Ewwel Qorti.

**Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**(ft) Imhallef**

**Vera Kopja**

**Deputat Registratur**